

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikoli 13b u 31a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 <sup>(1)</sup> tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE <sup>(2)</sup> dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1042/2013 <sup>(3)</sup> tas-7 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tal-post tal-forniment ta' servizzi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li s-servizzi ta' ċentru tad-data bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn il-kummerċjant jipprovdi lill-klijenti tiegħu armarji li jinsabu fiċ-ċentru tad-data intiżi għat-tqegħid ta' servers tal-klijenti, inklużi servizzi aċċillari, għandhom jitqiesu bħala kiri ta' proprjetà immobbli?
- 2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv, l-Artikolu 47 tad-Direttiva tal-VAT 2006/112/KE u l-Artikolu 31a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi iktar 'il fuq għandhom madankollu jiġu interpretati fis-sens li servizz ta' ċentru tad-data bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jitqies bħala servizz konness ma' proprjetà immobbli u l-post tal-eżekuzzjoni tiegħu huwa l-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli?

---

<sup>(1)</sup> ĠU 2011, L 77, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU 2006, L 347, p. 1 u rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.

<sup>(3)</sup> ĠU 2013, L 284, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour du travail de Liège (il-Belġju) fit-18 ta' Marzu 2019 — B. vs Centre public d'action sociale de Liège (CPAS)**

**(Kawża C-233/19)**

(2019/C 164/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Cour du travail de Liège

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: B.

Konvenut: Centre public d'action sociale de Liège (CPAS)

**Domandi preliminari**

L-Artikoli 5 u 13 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment <sup>(1)</sup>, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 19(2) u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva, moqrija fid-dawl tas-sentenza C-562/13 mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2014 mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati bħala li jagħtu effett suspensiv lil rikors eżerċitat kontra deċiżjoni li tordna lil ċittadin ta' pajjiż terz milqut minn marda serja li jitlaq mit-territorju ta' Stat Membru, billi l-awtur tar-rikors isostni li l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni tista' tesponih għal rikorsu serju ta' deterjorament serju u irriversibbli tal-istat ta' saħħtu,

- mingħajr il-ħtieġa li titwettaq evalwazzjoni tar-rikors, is-sempliċi preżentata tiegħu hija suffiċjenti sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tordna t-tluq mit-territorju
- jew permezz ta' stħarriġ marġinali dwar l-eżistenza ta' ilment invokabbli jew tal-assenza ta' ta' inammissibbiltà jew ta' nuqqas manifest ta' bażi għar-rikors quddiem il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin
- jew inkella permezz ta' stħarriġ sħiħ u komplut min-naħa tal-qrati tax-xogħol sabiex jiġi ddeterminat jekk l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni tistax tesponi lill-awtur tar-rikors għal riskju serju ta' deterjorazzjoni serja u irriversibbli tal-istat ta' saħtu?

---

(<sup>1</sup>) ĠUL 348, p. 98.

---